PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2014/0108(COD)**

7.4.2015

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir personali protettiv
(COM(2014)0186 – C7-0110/2014 – 2014/0108(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Laura Agea

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-ħidma tagħna dwar il-proposta għal regolament dwar il-PPE, l-objettiv primarju tagħna kien li nressqu emendi li se jiżguraw li d-direttiva eżistenti ma tistax tagħti lok għal interpretazzjonijiet li jistgħu jimminaw l-effettività u ċ-ċertezza legali tagħha. Is-suppożizzjoni prinċipali hija li strumenti ġenwinament effettivi huma l-uniku mod li jiggarantixxi s-sigurtà tal-ħaddiema, minħabba li l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol huma ta' spiss ikkawżati minn nuqqas mhux biss li jintuża tagħmir protettiv xieraq iżda wkoll li jintuża tajjeb.

Innotajna wkoll li l-mod ta' kif jiġi żgurat li t-tagħmir protettiv ikun ġenwinament effettiv huwa li jiġu żviluppati u introdotti prodotti li huma mmirati lejn il-ħtiġijiet tal-utenti finali tagħhom. Din hija r-raġuni għaliex aħna stipulajna li trid titqies il-persuna li tilbes jew li tuża t-tagħmir, b'distinzjoni bejn dawn il-kategoriji ta' utenti li ġejjin: l-irġiel, in-nisa, il-ħaddiema żgħażagħ u l-persuni b'diżabilità. Meta stabbilixxejna l-kategorija "ħaddiema żgħażagħ" konna konxji tal-fatt li l-kundizzjonijiet tax-xogħol taż-żgħażagħ u l-iżviluppi fl-ambjent tax-xogħol tagħhom, l-aktar dawk marbuta mal-kriżi ekonomika, wasslu għal żieda qawwija fl-għadd ta' żgħażagħ li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien u rriżultaw f'popolazzjoni li dejjem qed tikber ta' ħaddiema żgħażagħ li l-karatteristiċi fiżiċi tagħhom iridu jiġu kkunsidrati.

Aħna kkunsidrajna wkoll xieraq li nirrieżaminaw ċerti aspetti tad-dispożizzjonijiet tekniċi tar-regolament, b'tali mod li jkopru l-kategoriji tar-riskju u l-eventwalitajiet kollha, bil-ħsieb li jnaqqsu kemm jista' jkun il-potenzjal għal ambigwità u l-interpretazzjoni żbaljata.

L-analiżi tagħna tar-regolament kienet immexxija mit-twemmin li l-inċertezza twassal għal interpretazzjoni żbaljata, u, bħala riżultat, applikazzjoni ħażina tar-regolamenti.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-iżviluppi riċenti fil-qasam tal-komunikazzjoni u l-ħtieġa li jitfassal PPE għall-utent finali, ipprevedejna l-possibbiltà tal-istabbiliment ta' strumenti speċifiċi li jippermettu lill-utenti finali li jifhmu kif jużaw il-prodotti tal-PPE b'mod tajjeb u jindikaw l-importanza vitali tagħhom għall-protezzjoni tal-utent finali kontra riskji fuq il-post tax-xogħol.

Is-sensibilizzazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni preċiża u rilevanti jgħinu biex jipproteġu l-ħaddiema u jħeġġuhom jinvolvu rwieħhom u jipparteċipaw fi kwistjonijiet li jikkonċernawhom direttament.

Aħna enfasizzajna wkoll li kwalunkwe riskju jew dubju dwar il-konformità tal-prodotti li jirriżultaw għandhom jiġu rrappurtati u l-prodotti kkonċernati għandhom jitneħħew mis-suq sabiex jiġu minimizzati r-riskji assoċjati mal-użu tagħhom.

Aħna kkunsidrajna li huwa wkoll neċessarju li tiġi enfasizzata l-ħtieġa għal monitoraġġ trasparenti u kontinwu tal-implimentazzjoni tar-regolament, b'penali għal kwalunkwe persuna li twettaq ksur kontrih.

Aħna nemmnu li l-politiki ta' investiment waħedhom mhumiex biżżejjed biex itejbu l-ambjent tax-xogħol; huma meħtieġa wkoll miżuri protettivi u sodi, minn preskrizzjonijiet minimi tas-sigurtà tal-ħaddiema għal miżuri mfassla biex jipproteġu lill-ħaddiema u jtejbu l-kwalità tal-ambjent tax-xogħol sa livell xieraq.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa -1 (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Id-dritt għas-saħħa u s-sigurtà huwa dritt fundamentali u kull ħaddiem jibbenefika minn garanzija legali tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu. Meta wieħed iqis li l-ispiża għall-intrapriżi u s-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-inċidenti u l-mard okkupazzjonali hija stmata għal 5.9 % tal-prodott domestiku gross u li l-prevenzjoni adegwata għall-ħaddiem tippromwovi l-benessri, il-kwalità tax-xogħol u l-produttività, il-prevenzjoni tar-riskju, b'mod partikolari permezz tal-użu tat-tagħmir personali protettiv ta' kwalità, hija essenzjali biex titnaqqas ir-rata ta' inċidenti u mard relatati max-xogħol.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Għandha tingħata attenzjoni lill-korrelazzjoni bejn dan ir-Regolament u d-Direttiva 89/391/KEE u d-Direttiva 89/656/KEE, speċjalment fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjoni tal-PPE, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***parteċipazzjoni tal-ħaddiema.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Madankollu, l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tagħha wriet nuqqasijiet u inkonsistenzi fil-kopertura tal-prodott u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Sabiex titqies din l-esperjenza u tiġi pprovduta kjarifika fir-rigward tal-qafas li fih jistgħu jiġu kkummerċjalizzati prodotti koperti minn dan ir-Regolament, ċerti aspetti mid-Direttiva 89/686/KEE għandhom jiġu riveduti u mtejba. | (3) Madankollu, l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tagħha wriet nuqqasijiet u inkonsistenzi fil-kopertura tal-prodott u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Sabiex titqies din l-esperjenza u tiġi pprovduta kjarifika fir-rigward tal-qafas li fih jistgħu jiġu kkummerċjalizzati prodotti koperti minn dan ir-Regolament, ċerti aspetti mid-Direttiva 89/686/KEE għandhom jiġu riveduti u mtejba ***filwaqt li jinżamm il-prinċipju ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-forom kollha ta' provvista, inkluż il-bejgħ mill-bogħod.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Peress li l-kamp ta' applikazzjoni, ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà u l- | (4) Peress li l-kamp ta' applikazzjoni, ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà u l- |

| | |
|---|---|
| proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom ikunu l-istess fl-Istati Membri kollha, kważi m'hemm l-ebda flessibbiltà fit-traspożizzjoni tad-Direttivi bbażati fuq il-prinċipji tal-Approċċ il-Ġdid fil-liġi nazzjonali. Għalhekk, id-Direttiva 89/686/KEE għandha tiġi ssostitwita b'Regolament, li huwa l-istrument legali xieraq peress li dan jimponi regoli ċari u ddettaljati li ma jagħtux lok għal traspożizzjoni li tvarja bejn l-Istati Membri. | proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom ikunu l-istess fl-Istati Membri kollha, kważi m'hemm l-ebda flessibbiltà fit-traspożizzjoni tad-Direttivi bbażati fuq il-prinċipji tal-Approċċ il-Ġdid fil-liġi nazzjonali. Għalhekk, id-Direttiva 89/686/KEE għandha tiġi ssostitwita b'Regolament, li huwa l-istrument legali xieraq peress li dan jimponi regoli ċari u ddettaljati li ma jagħtux lok għal traspożizzjoni li tvarja bejn l-Istati Membri***; dan għandu jsir permezz ta' approċċ ċar u bbażat fuq il-miri bil-għan, b'mod partikolari, li tiġi salvagwardjata s-saħħa pubblika, titjieb is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-utent***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Xi prodotti fis-suq li jipprovdu funzjoni protettiva għall-utent huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/686/KEE**.** Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-utent ta' dawk il-prodotti għall-PPE koperti bid-Direttiva 89/686/KEE, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi PPE għall-użu privat kontra l-umdità, l-ilma u s-sħana (eż. ingwanti għall-ħasil tal-platti, ingwanti tal-forn), f'konformità ma' PPE simili għall-użu professjonali li huwa diġà kopert mid-Direttiva 89/686/KEE. Prodotti artiġjanali, bħal ingwanti magħmula bl-idejn, li għalihom il-manifattur ma jallegax espliċitament funzjoni protettiva mhumiex tagħmir personali protettiv; għalhekk ***din l-inklużjoni ma tirrigwardahomx. Huwa wkoll xieraq li tiġi ċċarata l-lista ta' esklużjoni stabbilita fl-Anness I tad-*** | (9) Xi prodotti fis-suq li jipprovdu funzjoni protettiva għall-utent huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/686/KEE ***meta jkunu maħsuba biss għal użu privat. Sabiex jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni, l-oġġetti għall-protezzjoni tal-idejn*** kontra ***s-sħana estrema f'ambjent domestiku għandhom ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk b'mod speċifiku jagħmlu asserzjoni ta' protezzjoni***. Prodotti artiġjanali, bħal ingwanti magħmula bl-idejn ***u ingwanti għall-forn***, li għalihom il-manifattur ma jallegax espliċitament funzjoni protettiva mhumiex tagħmir personali protettiv; għalhekk ***m'għandhomx ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Minflok għandha tiġi mħeġġa l-awtoċertifikazzjoni għal dawk il-prodotti. Ħafna manifatturi diġà qed*** |

| | |
|---|---|
| ***Direttiva 89/686/KEE billi tiżdied referenza għall-prodotti koperti minn leġiżlazzjoni oħra u li għalhekk huma esklużi mir-Regolament tal-PPE*.** | ***jagħmlu dan illum*.** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Fis-6 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni adottat il-komunikazzjoni tagħha dwar Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020 sabiex tipproteġi aħjar lill-ħaddiema tal-Unjoni minn inċidenti u mard relatati max-xogħol.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex dan ir-Regolament ikun jista' jinftiehem sew u jiġi applikat b'mod uniformi, għandhom jiddaħħlu definizzjonijiet ġodda għal "PPE adattat individwalment" u "PPE mfasssal apposta" u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għal dawn it-tipi ta' PPE għandhom jiġu adattati għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-manifattura tagħhom. | (10) Sabiex dan ir-Regolament ikun jista' jinftiehem sew u jiġi applikat b'mod uniformi, għandhom jiddaħħlu definizzjonijiet ġodda għal "PPE adattat individwalment" u "PPE mfasssal apposta" ***inklużi definizzjonijiet ċari tal-utent finali tal-PPE*** u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għal dawn it-tipi ta' PPE għandhom jiġu adattati għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-manifattura tagħhom. ***Fid-definizzjoni ta' "PPE adattat individwalment" u "PPE mfassal apposta" għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar li l-individwalizzazzjoni tal-PPE irid ikollha impatt materjali fuq l-ambjent tax-xogħol u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Matul id-dimostrazzjonijiet u t-testijiet fuq il-post, għandhom jittieħdu miżuri adegwati sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-persuni. It-testijiet fuq il-post ma għandhomx jiġu mfassla biex jittestjaw il-prestazzjoni ta' protezzjoni tal-PPE iżda biex jevalwaw aspetti mhux protettivi oħra bħall-kumdità, l-ergonomija u d-disinn. Il-partijiet kollha kkonċernati, pereżempju l-impjegaturi kif ukoll min jilbes dawn l-oġġetti jew il-konsumatur, għandhom ikunu infurmati minn qabel dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskop tat-test.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli mill-konformità ***tal-prodotti***, fir-rigward tar-rwoli rispettivi li għandhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħal pereżempju s-saħħa u s-sigurtà u l-protezzjoni tal-utenti, u biex tiġi ggarantita l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni. | (11) L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli mill-konformità ***tal-PPE***, fir-rigward tar-rwoli rispettivi li għandhom fil-katina tal-provvista ***kollha,*** sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħal pereżempju s-saħħa u s-sigurtà u ***l-informazzjoni xierqa u*** l-protezzjoni tal-utenti u, ***fejn xieraq, ta' persuni oħrajn,*** u biex tiġi ggarantita l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-operaturi ekonomiċi li jintervjenu fil-katina tal-provvista u ta' distribuzzjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw ***li l-PPE jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni u*** li jagħmlu disponibbli fis-suq biss ***prodotti*** li ***jikkonformaw*** ma' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament għandu jipprovdi tqassim ċar u proporzjonat ta' obbligi li jikkorrispondu mar-rwol ta' kull operatur fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni. | (12) L-operaturi ekonomiċi li jintervjenu fil-katina tal-provvista u ta' distribuzzjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li jagħmlu disponibbli fis-suq biss ***PPE*** li ***jikkonforma*** ma' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament għandu jipprovdi tqassim ċar u proporzjonat ta' obbligi li jikkorrispondu mar-rwol ta' kull operatur ***ekonomiku*** fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12 a) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u titqajjam sensibilizzazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa biex joħolqu sit elettroniku u/jew applikazzjoni fuq smartphone biex jinkludu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar dan ir-Regolament, inkluża data dwar l-awtoritajiet notifikanti u l-korpi ta' valutazzjoni ta' konformità awtorizzati biex iwettqu kompiti skont dan ir-Regolament; sabiex tkun faċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-operaturi ekonomiċi biex jinkludu l-indirizz tas-sit elettroniku minbarra dak postali.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li PPE li jidħol fis-suq tal-Unjoni jikkonforma ma' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, li jkunu twettqu proċeduri ta' valutazzjoni xierqa mill-manifatturi. Għalhekk għandu jsir provvediment għall-importaturi biex jiġi assigurat li l-PPE li jqiegħdu fis-suq ikun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u biex dawn ma jqiegħdux fis-suq PPE li ma jikkonformax ma' dawn ir-rekwiżiti jew jippreżenta xi riskju. Għall-istess raġuni, għandu jsir provvediment għall-importaturi biex jiġi assigurat li jkunu twettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità u li t-tikketta CE u d-dokumentazzjoni teknika magħmula mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. | (14) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li PPE li jidħol fis-suq tal-Unjoni jikkonforma ma' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, li jkunu twettqu proċeduri ta' valutazzjoni xierqa mill-manifatturi. Għalhekk għandu jsir provvediment għall-importaturi biex jiġi assigurat li l-PPE li jqiegħdu fis-suq ikun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u biex dawn ma jqiegħdux fis-suq PPE li ma jikkonformax ma' dawn ir-rekwiżiti jew jippreżenta xi riskju. Għall-istess raġuni, għandu jsir provvediment għall-importaturi biex jiġi assigurat li jkunu twettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità u li t-tikketta CE u d-dokumentazzjoni teknika magħmula mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet ***kompetenti*** tas-sorveljanza tas-suq. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Meta jqiegħdu PPE fis-suq, l-importaturi għandhom jindikaw fuq ***il-PPE*** isimhom u l-indirizz fejn ikun jista' jsir kuntatt magħhom. Għandhom jiġu previsti xi eċċezzjonijiet meta d-daqs jew in-natura tal-PPE ma jippermettux din l-identifikazzjoni. Dawn jinkludu l-każijiet fejn l-importatur ikollu jiftaħ l-ippakkjar biex ipoġġi ismu u l-indirizz tiegħu fuq il-prodott. | (16) Meta jqiegħdu PPE fis-suq, l-importaturi għandhom jindikaw fuq ***il-prodott*** isimhom u l-indirizz fejn ikun jista' jsir kuntatt magħhom ***kif ukoll indikazzjonijiet ta' websajts li fuqhom l-utent finali tal-PPE jista' jkollu aċċess għal informazzjoni addizzjonali dwar kif jintuża b'mod korrett il-PPE***. Għandhom jiġu previsti xi eċċezzjonijiet meta d-daqs jew in-natura tal-PPE ma jippermettux din l-identifikazzjoni. Dawn jinkludu l-każijiet fejn l-importatur ikollu jiftaħ l-ippakkjar |

| | |
|---|---|
| | biex ipoġġi ismu u l-indirizz tiegħu fuq il-prodott. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Kull operatur ekonomiku li jqiegħed PPE fis-suq f'ismu jew bil-marka kummerċjali tiegħu jew ibiddel ***prodott*** b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, ***għandu*** jitqies li huwa l-manifattur u għandu jassumi l-obbligi tal-manifattur. | (17) Kull operatur ekonomiku li jqiegħed PPE fis-suq f'ismu jew bil-marka kummerċjali tiegħu jew ibiddel ***PPE*** b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jitqies li huwa l-manifattur u għandu jassumi l-obbligi tal-manifattur. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Id-distributuri u l-importaturi, minħabba li huma qrib tas-suq, għandhom ikunu aktar involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, u ***għandhom*** jitħejjew biex jipparteċipaw b'mod attiv billi jagħtu lil dawn l-awtoritajiet l-informazzjoni kollha neċessarja relatata mal-PPE kkonċernat. | (18) Id-distributuri u l-importaturi, minħabba li huma qrib tas-suq, għandhom ikunu aktar involuti biss fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, ***sakemm ikun żgurat li kull kunflitt ta' interess huwa evitat*** u ***jridu*** jitħejjew biex jipparteċipaw b'mod attiv billi jagħtu lil dawn l-awtoritajiet l-informazzjoni kollha neċessarja relatata mal-PPE kkonċernat. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Meta tkun assigurata t-traċċabbiltà tal-PPE fil-katina tal-provvista, dan jgħin biex is-sorveljanza tas-suq tkun aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema effikaċi ta' traċċabbiltà tħaffef ix-xogħol tal-awtoritajiet ta' sorveljanza biex jittraċċaw lill-operaturi ekonomiċi li jkunu qiegħdu fis-suq ***prodott*** mhux konformi. | (19) Meta tkun assigurata t-traċċabbiltà tal-PPE fil-katina tal-provvista ***kollha***, dan jgħin biex is-sorveljanza tas-suq tkun aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema effikaċi ta' traċċabbiltà tħaffef ix-xogħol tal-awtoritajiet ta' sorveljanza biex jittraċċaw lill-operaturi ekonomiċi li jkunu qiegħdu fis-suq ***PPE*** mhux konformi ***u biex jiddeterminaw bi preċiżjoni, b'mod ċar u bi trasparenza, ir-responsabbiltajiet ta' kull operatur***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-relazzjoni tiegħu mad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-użu ta' PPE fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE[19], sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni u ambigwità u b'hekk jiġi żgurat il-moviment liberu ta' PPE konformi. | (21) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-relazzjoni tiegħu mad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-użu ta' PPE fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE[19], sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni u ambigwità u b'hekk jiġi żgurat il-moviment liberu ta' PPE konformi. ***L-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva jobbliga lill-impjegaturi biex jipprovdu PPE li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar id-disinn u l-manifattura fir-rigward tas-sigurtà u tas-saħħa. Skont dak l-Artikolu, il-manifatturi ta' PPE li jipprovdu dak il-PPE lill-impjegati tagħhom għandhom jiżguraw li tali PPE jissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.*** |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat- | Id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat- |

| | |
|---|---|
| 30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18). | 30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18). |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Sabiex jiġi żgurat li PPE jkun eżaminat abbażi tal-aħħar avvanzi fit-teknoloġija, il-limitu tal-validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE għandu jiġi stabbilit għal massimu ta' ħames snin. Għandu jiġi previst proċess għar-reviżjoni taċ-ċertifikat. Għandu jkun meħtieġ kontenut minimu taċ-ċertifikat sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. | (24) Sabiex jiġi żgurat li PPE jkun eżaminat abbażi tal-aħħar avvanzi fit-teknoloġija, il-limitu tal-validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE għandu jiġi stabbilit għal massimu ta' ħames snin. Għandu jiġi previst proċess għar-reviżjoni taċ-ċertifikat. ***Tali reviżjoni għandha tikkonsisti fi proċedura sempliċi u espedjenti.*** Għandu jkun meħtieġ kontenut minimu fiċ-ċertifikat sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) It-tikketta CE għandha tkun l-unika tikketta li tindika li l-PPE jkun konformi mal-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-Unjoni. Madankollu, għandhom ikunu jistgħu jintużaw tikketti oħrajn sakemm dawn jgħinu biex itejbu l-ħarsien tal-konsumatur u ma jkunux koperti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. | (27) It-tikketta CE għandha tkun l-unika tikketta li tindika li l-PPE jkun konformi mal-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-Unjoni. Madankollu, għandhom ikunu jistgħu jintużaw tikketti oħrajn sakemm dawn jgħinu biex itejbu l-ħarsien ***tas-saħħa u tas-sigurtà*** tal-konsumatur u ma jkunux koperti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Sabiex ikun żgurat li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' sigurtà, jeħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri xierqa għall-valutazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu segwiti mill-manifattur. Id-Direttiva 89/686/KEE tikklassifika l-PPE fi tliet kategoriji li huma soġġetti għal proċeduri differenti ta' valutazzjoni tal-konformità. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà b'mod konsistenti għall-PPE kollha, il-lista ta' prodotti soġġetti għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li għandhom x'jaqsmu mal-fażi ta' produzzjoni għandha titwessa'. Għandhom jiġu stabbiliti l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għal kull kategorija ta' PPE, sa fejn ikun possibbli, abbażi tal-moduli ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. | (28) Sabiex ikun żgurat li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' ***saħħa u*** sigurtà ***stipulati f'dan ir-Regolament***, jeħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri xierqa għall-valutazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu segwiti mill-manifattur. Id-Direttiva 89/686/KEE tikklassifika l-PPE fi tliet kategoriji li huma soġġetti għal proċeduri differenti ta' valutazzjoni tal-konformità. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà b'mod konsistenti għall-PPE kollha, il-lista ta' prodotti soġġetti għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li għandhom x'jaqsmu mal-fażi ta' produzzjoni għandha titwessa'. Għandhom jiġu stabbiliti l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għal kull kategorija ta' PPE, sa fejn ikun possibbli, abbażi tal-moduli ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Sabiex jitqies il-progress tal-għarfien tekniku u l-evidenza xjentifika l-ġdida, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex temenda l-lista ta' PPE inklużi f'kull kategorija. Huwa ta' importanza | (31) Sabiex jitqies il-progress tal-għarfien tekniku u l-evidenza xjentifika l-ġdida, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex temenda l-lista ta' PPE inklużi f'kull kategorija. Huwa ta' importanza |

| | |
|---|---|
| partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Hija u tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa ***u tivvaluta l-impatt tal-proposti tagħha*** matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti ***u tikkonsulta rappreżentanti ta'organizzazzjonijiet tal-impjegati u tal-impjegaturi minn setturi li abitwalment jagħmlu użu minn PPE fl-operat tagħhom***. Hija u tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. | (33) L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar ***il-gwida, is-sorveljanza, il-kontroll bil-ħsieb li jiġu prevenuti l-ksur u l-penali*** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jiżguraw li dawn jiġu implimentati ***filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-gwida hija l-aħjar għodda biex jiġu evitati żbalji mhux intenzjonati mill-impjegaturi, il-manifatturi tal-PPE u l-utenti finali***. Dawn il-pieni ***u s-sanzjonijiet*** għandhom ***jiġu imposti b'mod espedjenti,*** ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(33a) Billi d-Direttiva 89/656/KEE tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għat-tagħmir personali protettiv użat minn ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u billi d-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jagħmlu l-użu tal-PPE bħala wieħed obbligatorju, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jinkoraġġixxi lill-impjegaturi u lill-impjegati jagħmlu użu xieraq tal-PPE inkluż billi jipprovdu informazzjoni ċara dwar l-użu obbligatorju tiegħu lill-impjegaturi, l-impjegati u l-assoċazzjonijiet tal-impjegati permezz tal-promozzjoni, bħala eżempji tal-aħjar prattika, l-impjegaturi li japplikaw dawn ir-regoli u josservaw il-prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(33b) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, preferibbilment permezz ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza u s-sħab soċjali, punt wieħed ta' kuntatt li fih l-utenti finali tal-PPE jkunu jistgħu jirrappurtaw difetti u żbalji li jikkonċernaw il-PPE. L-awtoritajiet ta' sorveljanza huma obbligati li jirreaġixxu għar-rapport mill-utenti finali b'mod mgħaġġel u effiċjenti.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34a) Huwa importanti ferm li jiġu kkorrelati l-aspetti differenti marbuta ma' PPE, b'mod partikolari l-produzzjoni u l-użu tagħhom, bl-azzjoni usa' tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) li hija kruċjali biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħaddiema u biex jinħoloq Qafas għal Azzjoni għall-kumpaniji kollha irrispettivament mid-daqs, post jew settur ta' attività tagħhom.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34b) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-qasam tax-xogħol mhux iddikjarat billi, minħabba l-impossibilità li tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-kundizzjonijiet fil-qasam tax-xogħol mhux iddikjarat jippermettu li l-ħaddiema jkunu esposti għal riskji għoljin tas-saħħa u li l-impjegaturi jaħarbu mir-responsabbiltà. Ix-xogħol domestiku, li fil-parti l-kbira tiegħu jitwettaq min-nisa, joħloq sfida partikolari, billi dan ix-xogħol jaqa' taħt is-settur informali, jitwettaq minn persuni singoli u, skont in-natura tiegħu stess, huwa inviżibbli.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35a) Huwa importanti ħafna li tiġi inkluża l-promozzjoni tal-użu ta' PPE f'inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni mwettqa fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali, bħala parti mit-tisħiħ ta' kultura ta' prevenzjoni ta' riskji. It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għandu impatt pożittiv fuq il-produttività u l-kompetittività, kif enfasizzat mill-Pakkett tal-Impjiegi.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35b) Minħabba l-varjetà ta' sitwazzjonijiet fil-prattika, fir-rigward tad-daqs tal-kumpanija u d-diversità tal-forza tax-xogħol, l-għodod mhux leġiżlattivi, bħalma huma l-valutazzjoni komparattiva, l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba, is-sensibilizzazzjoni u l-għodod tal-IT faċli għall-utent għandhom jintużaw biex jikkontribwixxu għal livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35c) Is-sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà, inkluż il-PPE, għandha tiġi*** |

| | |
|---|---|
| | ***inkluża fil-kurrikuli tal-edukazzjoni minn età bikrija sabiex jitbaxxew ir-rati ta' inċidenti u tiżdied is-saħħa u s-sigurtà; għandu jiġi integrat taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà u l-PPE b'mod speċjali fit-taħriġ vokazzjonali, rikonoxxut kompletament u attestat b'diploma. Għandhom isiru sforzi wkoll biex jittejbu b'mod sostanzjali l-informazzjoni u t-taħriġ għall-intraprendituri. Ir-riżultati ta' riċerka għall-PPE ġdid, bħala konsegwenza ta' avvanzi teknoloġiċi u sfidi ġodda, għandhom ikunu mxerrda aħjar.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35d) Il-popolazzjoni attiva tal-Unjoni qiegħda tixjieħ, skont it-tbassir tal-Eurostat dwar il-popolazzjoni (Europop, 2010), u għalhekk se jkun hemm bżonn kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa inklużi l-aċċessibbiltà tal-post tax-xogħol u l-interventi fil-post tax-xogħol mmirati lejn il-ħaddiema iżjed anzjani. Dan jeħtieġ il-ħolqien ta' ambjent sikur u b'saħħtu, tul il-ħajja attiva ta' forza tax-xogħol li qed issir dejjem aktar diversifikata, li għaliha l-promozzjoni ta' kultura ta' prevenzjoni hija essenzjali.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti | Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti |

| | |
|---|---|
| għad-disinn u l-manifattura ta' tagħmir personali protettiv (PPE) sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-utenti u r-regoli dwar il-moviment liberu fl-Unjoni. | għad-disinn u l-manifattura ta' tagħmir personali protettiv (PPE) ***maħsub biex ikunu disponibbli fis-suq*** sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-utenti u r-regoli dwar il-moviment liberu fl-Unjoni. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) maħsub għal użu privat biex jipproteġi kontra ***kundizzjonijiet atmosferiċi li huma ta' natura estrema;*** | (c) maħsub għal użu privat biex jipproteġi kontra***:*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c – punt i (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(i) kundizzjonijiet atmosferiċi li mhumiex ta' natura estrema (ħwejjeġ tal-istaġun, umbrelel eċċ.);*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c – punt ii (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ii) umdu u ilma (ingwanti għall-ħasil tal-platti eċċ.);*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c – punt iii (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iii) sħana (ingwanti eċċ.) li fir-rigward tagħha l-operatur ekonomiku ma jallegax espliċitament funzjoni protettiva kontra sħana estrema;*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) maħsub għal użu f'sitwazzjonijiet fejn l-elementi b'karatteristiċi protettivi potenzjali jiġu inkorporati biss għal skopijiet ta' disinn;*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) għall-użu f'bastimenti tal-baħar jew ajruplani li huma soġġetti għal trattati internazzjonali rilevanti applikabbli fl-Istati Membri; | d) għall-użu ***biss*** f'bastimenti tal-baħar jew ajruplani li huma soġġetti għal trattati internazzjonali rilevanti applikabbli fl-Istati Membri; |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***F'dawk il-każijiet, is-saħħa u s-sigurtà tal-utenti għandhom ikunu żgurati sa fejn ikun possibbli fid-dawl tal-objettivi ta' dan ir-Regolament u f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KE[1a].*** |
| | ***[1a] Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L183, 29.6.1989, p.1)..*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżenzjonijiet għandhom jitnaqqsu għall-ħtieġa assoluta, għalhekk nintroduċu dispożizzjoni parallela mal-Artikolu 2.2 tad-Direttiva 89/391/KE*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) tagħmir ***maħsub*** biex jintlibes jew miżmum minn persuna għall-protezzjoni kontra riskju jew riskji għas-saħħa jew is-sigurtà tiegħu jew tagħha li jitqiegħed fis-suq b'mod separat jew ikkombinat ma' tagħmir personali mhux protettiv; | (a) tagħmir ***iddisinjat u mmanifatturat*** biex jintlibes jew miżmum minn persuna għall-protezzjoni kontra riskju jew riskji għas-saħħa jew is-sigurtà tiegħu jew tagħha li jitqiegħed fis-suq b'mod separat jew ikkombinat ma' tagħmir personali mhux protettiv; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 –punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) sistemi ta' konnessjoni għall-apparat | (c) sistemi ta' konnessjoni għall-apparat |

| | |
|---|---|
| imsemmi fil-punt (a) li ma ***jinżammx*** jew ma jintlibisx minn persuna, li huma maħsuba li jqabbdu dak l-apparat ma' apparat jew struttura esterna, li jistgħu jitneħħew u li mhumiex maħsuba biex jitwaħħlu b'mod permanenti ma' struttura; | imsemmi fil-punt (a) li ma ***jinżammux*** jew ma jintlibsux minn persuna, ***iżda li jkunu essenzjali għall-funzjonament tal-apparat,*** li huma maħsuba li jqabbdu dak l-apparat ma' apparat jew struttura esterna, li jistgħu jitneħħew u li mhumiex maħsuba biex jitwaħħlu b'mod permanenti ma' struttura; |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. "tip ta' PPE" tfisser is-serje tal-PPE ekwivalenti għall-PPE deskritti fid-dokumentazzjoni teknika u għall-PPE soġġett għall-eżami tat-tip tal-UE (fil-każ tal-kategorija II jew III);*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. "PPE adattat individwalment" tfisser PPE prodott f'serje fejn kull oġġett ikun immanifatturat biex joqgħod tajjeb fuq utent individwali; | 2. "PPE adattat individwalment" tfisser PPE prodott f'serje fejn kull oġġett ikun immanifatturat biex joqgħod tajjeb fuq utent individwali ***speċifiku skont il-ħtiġiet tiegħu jew tagħha, pereżempju raġel, mara u ħaddiem żagħżugħ, kif ukoll persuna b'diżabilitajiet, b'valur miżjud ppruvat għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol***; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. "PPE mfassal apposta" tfisser PPE prodott ***bħala unità unika*** biex jissodisfa l-bżonnijiet speċjali ta' ***utent*** individwali skont mudell bażiku, filwaqt li jiġu segwiti l-istruzzjonijiet tad-disinjatur ta' dak il-mudell bażiku u tiġi rrispettata l-firxa ta' varjazzjonijiet permissibbli; | 3. "PPE mfassal apposta" tfisser PPE prodott biex jissodisfa l-bżonnijiet speċjali ta' ***persuna*** individwali ***speċifika*** skont mudell bażiku, filwaqt li jiġu segwiti l-istruzzjonijiet tad-disinjatur ta' dak il-mudell bażiku u tiġi rrispettata l-firxa ta' varjazzjonijiet permissibbli; |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. "tqegħed fis-suq" tfisser l-ewwel darba li PPE jkun disponibbli fis-suq tal-Unjoni; | 5. "tqegħed fis-suq" tfisser l-ewwel darba li ***t-tip ta'*** PPE jkun disponibbli fis-suq tal-Unjoni; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. "utent finali" tfisser il-persuna li tilbes jew tuża l-PPE;*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. "dimostrazzjoni" tfisser kwalunkwe wiri ta' PPE, mhux f'sitwazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***perikoluża, għal raġunijiet promozzjonali;*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20b. "test fuq il-post" tfisser avveniment li fih jintuża PPE mhux iċċertifikat f'numru limitat ħafna u għal żmien limitat ħafna għal evalwazzjoni (finali). Qabel ma jibda t-test, il-manifattur għandu jistabbilixxi l-ħin u l-iskop tat-test, u jingħataw ir-raġunijiet għalfejn huwa meħtieġ it-test u għandu jkollu dawn id-dettalji kkonfermati mill-partijiet ikkonċernati. It-test isir f'sitwazzjonijiet li esklussivament ma jkunux perikolużi u jitwettaq biex jevalwa, inter alia, il-kumdità, l-ergonomija jew id-disinn. Il-partijiet ikkonċernati għandu jkollhom aċċess għad-dokumenti meħtieġa tat-test abbozzati minn laboratorji akkreditati jew awtorizzati, li għandhom jiġu mehmuża mal-dokumentazzjoni teknika biex jiżguraw il-protezzjoni ta' dawk li jilbsu dawn l-oġġetti;*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li l-PPE jitqiegħed għad-dispożizzjoni tas-suq biss jekk, meta jinżamm b'mod xieraq u jintuża għall-fini maħsub tiegħu, jikkonforma ma' | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa ***u meħtieġa*** biex jiżguraw li l-PPE jitqiegħed għad-dispożizzjoni tas-suq biss jekk, meta jinżamm b'mod xieraq***, il-funzjonament tiegħu jiġi spjegat b'mod ċar*** u jintuża għall-fini maħsub tiegħu, |

dan ir-Regolament.-{}-

jikkonforma ma' dan ir-Regolament.

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-PPE għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà stabbiliti fl-Anness II. | Il-PPE għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà stabbiliti fl-Anness II ***u f'konformità sħiħa mad-Direttiva 89/391/KEE***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa ta' importanza kbira li t-tagħmir protettiv ikun totalment konformi mal-qafas Direttiva dwar is-Saħħa u s-Sigurtà.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dritt tal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 89/656/KEE, ***biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti li jikkonċernaw*** l-użu ta' PPE***, sakemm dawn ir-rekwiżiti*** ma jaffettwawx id-disinn ta' PPE li jitqiegħed fis-suq skont dan ir-Regolament. | Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dritt tal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 89/656/KEE, ***li jistabbilixxu kull rekwiżit li jikkonċerna*** l-użu ta' PPE ***li huma jqisu meħtieġ biex jiżguraw il-protezzjoni tal-utenti finali u l-partijiet terzi jew li huma ġustifikati minn valur miżjud f'termini ta' saħħa u sigurtà tal-utent u*** ma jaffettwawx id-disinn ta' PPE li jitqiegħed fis-suq skont dan ir-Regolament. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'fieri, wirjiet ***u*** dimostrazzjonijiet, l-Istati Membri ma għandhomx jipprevjenu l-wiri ta' PPE li ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament, kemm-il darba ***jkun hemm sinjal viżibbli*** li ***jindika*** b'mod ċar li l-PPE ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament u li mhuwiex disponibbli fis-suq sakemm ma jikkonformax. | F'fieri, wirjiet**,** dimostrazzjonijiet, ***avvenimenti simili u t-testijiet fuq il-post***, l-Istati Membri ma għandhomx jipprevjenu l-wiri ta' PPE li ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament, kemm-il darba ***jkunu jistgħu jinstabu sinjali viżibbli fiż-żona assenjata lill-parti li tkun qed tesibixxi*** li ***jindikaw*** b'mod ċar li l-PPE ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament u li mhuwiex disponibbli fis-suq sakemm ma jikkonformax. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Matul dimostrazzjonijiet ***adegwati*** għandhom jittieħdu miżuri biex jassiguraw il-protezzjoni ta' persuni. | Matul dimostrazzjonijiet ***u testijiet fuq il-post,*** għandhom jittieħdu miżuri adegwati biex jassiguraw il-protezzjoni ta' persuni ***u jissensibilizzawhom. It-testijiet fuq il-post ma għandhomx jitfasslu biex jittestjaw il-prestazzjoni tal-protezzjoni tal-PPE iżda biex jevalwaw pereżempju l-kumdità, l-ergonomija u d-disinn. Il-partijiet kollha kkonċernati (pereżempju l-impjegaturi kif ukoll min jilbes dawn l-oġġetti jew l-utent finali) għandhom ikunu infurmati minn qabel dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskop tat-test. Il-marka "għal test fuq il-post biss" għandha titwaħħal b'mod ċar u li ma titħassarx mal-PPE. Wara tmiem il-perijodu tat-test, il-PPE użat jingħata lura lill-manifatturi***. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jqiegħdu fis-suq PPE, il-manifatturi għandhom jiżguraw li dawn ikunu ġew iddisinjati u mmanifatturati skont ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli tas-saħħa u s-sigurtà stabbiliti fl-Anness II. | 1. Meta jqiegħdu fis-suq PPE, il-manifatturi għandhom jiżguraw li dawn ikunu ġew iddisinjati u mmanifatturati skont ir-rekwiżiti essenzjali ***u meħtieġa*** applikabbli tas-saħħa u s-sigurtà stabbiliti fl-Anness II. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal tal-anqas 10 snin wara li l-PPE jkun ***tqiegħed*** fis-suq. | 3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal tal-anqas 10 snin wara li l-PPE jkun ***sar disponibbli*** fis-suq. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***l-PPE*** li jqiegħdu fis-suq ikollu t-tip, il-lott jew in-numru tas-serje jew kull element ieħor biex ikun jista' jiġi identifikat, jew, jekk id-daqs jew natura tal-PPE ma tippermettix dan, li l-informazzjoni meħtieġa tingħata fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-PPE. | 5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***kull PPE*** li jqiegħdu fis-suq ikollu t-tip, il-lott jew in-numru tas-serje jew kull element ieħor biex ikun jista' jiġi identifikat, jew, jekk id-daqs jew natura tal-PPE ma tippermettix dan, li l-informazzjoni meħtieġa tingħata fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-PPE. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-manifatturi, fuq il-PPE, għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu ***kkuntattati*** dwar il-prodott jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-PPE. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattat il-manifattur. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu ***b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq***. | 6. Il-manifatturi, fuq il-PPE, għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu ***kkuntattjati*** dwar il-prodott jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-PPE. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattat il-manifattur. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu ***bil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat(i) Membru/i li fis-suq tiegħu jew tagħhom għandu jitqiegħed il-PPE***. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***l-PPE jkun*** akkumpanjat mill-istruzzjonijiet stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness II, ***b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti*** finali, ***kif iddeterminat mill-Istat*** Membru ***kkonċernat***. | 7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***kull PPE, inkluża l-iżgħar unità tiegħu, ikun*** akkumpanjat mill-istruzzjonijiet ***u kull informazzjoni*** stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness II, fil-lingwa ***uffiċċjali tal-utenti*** finali, ***fl-Istat*** Membru ***fejn il-PPE jkun sar disponibbli fis-suq, kif ukoll, fejn possibbli, b'pittogrammi***. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 9**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 9. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li PPE li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi ma' dan ir-Regolament għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex isir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-PPE jkun jippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-PPE disponibbli fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda. | 9. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li PPE li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi ma' dan ir-Regolament għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex isir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-PPE jkun jippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-PPE disponibbli fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq imbagħad ikollhom l-obbligu li jinfurmaw lill-pubbliku dwar ir-riskju sakemm il-miżura korrettiva ma tkunx f'postha. Matul il-perjodu tal-istabbiliment tal-konformità, il-manifatturi għandhom jirtiraw il-PPE sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-utenti finali.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 10**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 10. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdulha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex juru l-konformità tal-PPE, ***b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn*** dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba mingħandha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-PPE li jkunu qiegħdu fis-suq. | 10. Il-manifatturi għandhom, fuq talba raġunata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdulha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja***, bil-karta jew preferribbilment f'forma elettronika,*** biex juru l-konformità tal-PPE, ***bil-lingwa uffiċjali ta'*** dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba mingħandha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-PPE li jkunu |

qiegħdu fis-suq.

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) iżomm id-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali ta’ sorveljanza tas-suq għal tal-anqas 10 snin wara li l-PPE jkun ***tqiegħed*** fis-suq; | (a) iżomm id-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali ta’ sorveljanza tas-suq għal tal-anqas 10 snin wara li l-PPE jkun ***sar disponibbli*** fis-suq; |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali ***ta’ sorveljanza tas-suq***, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi ppruvata l-konformità tal-PPE; | (b). fuq talba minn awtorità nazzjonali ***kompetenti***, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa***, fuq karta jew f’forma elettronika,*** biex tiġi ppruvata l-konformità tal-PPE; |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali ***ta’ sorveljanza tas-suq***, fuq talba tagħhom, fir-rigward ta’ kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati minn PPE | (c) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali ***kompetenti***, fuq talba tagħhom, fir-rigward ta’ kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-PPE kopert bil- |

| | |
|---|---|
| koperti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat. | mandat tar-rappreżentant awtorizzat. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq biss dawk l-PPE ***li huma konformi***. | 1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq biss il-PPE li ***jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u jkun konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni rigward ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà***. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Qabel ma jqiegħdu PPE fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li tkun twettqet/twettqu l-proċedura/proċeduri ***xierqa*** ta' valutazzjoni tal-konformità mill-manifattur msemmija fl-Artikolu 18. Għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal ***id-dokumentazzjoni*** teknika, li l-PPE jkollu tikketta CE u jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità ***jew*** dikjarazzjoni simplifikata ta' konformità tal-UE, u li jkun akkumpanjat ***mill-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(7)*** u li l-manifattur ikun ħares ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(5) u (6). | Qabel ma jqiegħdu PPE fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li tkun twettqet/twettqu l-proċedura/proċeduri ***essenzjali*** ta' valutazzjoni tal-konformità mill-manifattur msemmija fl-Artikolu 18. Għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal ***u kkomunika d-dokumentazzjoni*** teknika, li l-PPE jkollu tikketta CE u jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità ***u*** dikjarazzjoni simplifikata ta' konformità tal-UE, u li jkun akkumpanjat ***mid-dokumenti meħtieġa*** u li l-manifattur ikun ħares ir-rekwiżiti ***kollha*** stabbiliti fl-Artikolu 8(5) u (6). |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fuq il-PPE, l-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattati dwar il-prodott, jew jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-ippakkjar tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-PPE. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu ***b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti*** finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. | 3. Fuq il-PPE, l-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattati dwar il-prodott, jew jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-ippakkjar tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-PPE. Id-dettalji tal-kuntatt għandhom ikunu ***bil-lingwa uffiċjali tal-utenti*** finali u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-importaturi għandhom jiżguraw li ***l-PPE jkun*** akkumpanjat mill-istruzzjonijiet ***imsemmija*** fil-punt 1.4 tal-Anness I, ***b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u utenti*** finali ***oħrajn***, ***kif iddeterminat mill-Istat*** Membru ***kkonċernat***. | 4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***kull PPE, inkluża l-iżgħar unità tiegħu, ikun*** akkumpanjat mill-istruzzjonijiet ***u kull informazzjoni stabbilita*** fil-punt 1.4 tal-Anness I, fil-lingwa ***uffiċċjali tal-utenti*** finali, ***fl-Istat*** Membru ***fejn il-PPE jkun sar disponibbli fis-suq, u, fejn possibbli għandhu jkun b'lingwa newtrali***. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Meta jitqies li jkun xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn PPE, l-importaturi għandhom, għall-finijiet ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi u l-utenti finali oħrajn, iwettqu testijiet fuq kampjuni ta' PPE li jkunu saru disponibbli fis-suq, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, ta' PPE mhux konformi u ta' ġbir lura ta' PPE, u għandhom iżommu lid-distributuri infurmati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li PPE li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi ma' dan ir-Regolament għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-PPE jsir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-PPE jippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-PPE disponibbli fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda. | 6. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li PPE li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi ma' dan ir-Regolament għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-PPE jsir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, kif ikun xieraq. ***Din l-azzjoni għandha tittieħed mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol mill-jum li fih l-importaturi jsiru konxji dwar dik l-informazzjoni.*** Barra minn hekk, meta l-PPE jippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformaw minnufih ***lill-manifattur u*** lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-PPE disponibbli fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq imbagħad għandu jkollhom l-obbligu li jinfurmaw lill-pubbliku dwar ir-riskju*** |

***sakemm il-miżura korrettiva ma tkunx f'postha.***

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Qabel ma jagħmlu PPE disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li jkollu fuqu t-tikketta CE, li jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jew dikjarazzjoni simplifikata ta' konformità tal-UE, li jkun akkumpanjat mill-istruzzjonijiet ***stabbiliti*** fil-punt 1.4 tal-Anness II ***b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-utenti*** finali fl-Istat Membru fejn il-PPE ikun ser jitqiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq, u li l-manifattur u l-importatur ikunu ħarsu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(5) u (6) u l-Artikolu 10(3). | 2. Qabel ma jagħmlu PPE disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li jkollu fuqu t-tikketta CE, li jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jew dikjarazzjoni simplifikata ta' konformità tal-UE, li jkun akkumpanjat mill-istruzzjonijiet ***u informazzjoni oħra stabbilita*** fil-punt 1.4 tal-Anness II ***bil-lingwa uffiċjali tal-utenti*** finali fl-Istat Membru fejn il-PPE ikun ser jitqiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq, u li l-manifattur u l-importatur ikunu ħarsu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(5) u (6) u l-Artikolu 10(3). |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li PPE ma jkunx konformi mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà stabbiliti fl-Anness II, dan ma għandux iqiegħed il-PPE fis-suq sakemm dan ma jkunx sar konformi. Barra minn hekk, meta l-PPE jippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet | Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li PPE ma jkunx konformi mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà stabbiliti fl-Anness II, dan ma għandux iqiegħed il-PPE fis-suq sakemm dan ma jkunx sar konformi. Barra minn hekk, meta l-PPE jippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet |

| | |
|---|---|
| tas-sorveljanza tas-suq dwar dan. | tas-sorveljanza tas-suq dwar dan. ***Wara dan, il-manifattur għandu minnufih jirtira l-PPE mis-suq. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq imbagħad għandu jkollhom l-obbligu li jinfurmaw lill-pubbliku dwar ir-riskju sakemm il-miżura korrettiva ma tkunx f'postha.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li PPE li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jieħdu minnufih l-miżuri korrettivi meħtieġa biex isir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-PPE jippreżenta riskju, id-distributuri għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu qiegħdu l-PPE għad-dispożizzjoni fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda. | 4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li PPE li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jieħdu minnufih l-miżuri korrettivi meħtieġa biex isir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-PPE jippreżenta riskju, id-distributuri għandhom jinformaw minnufih ***lill-manifattur u lill-importatur kif ukoll*** lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu qiegħdu l-PPE għad-dispożizzjoni fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq imbagħad għandu jkollhom l-obbligu li jinfurmaw lill-pubbliku dwar ir-riskju sakemm il-miżura korrettiva ma tkunx f'postha.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 8, meta huwa jqiegħed il-PPE fis-suq f'ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu, jew jimmodifika l-PPE li diġà jkun tqiegħed fis-suq b'tali mod li tkun affettwata l-konformità ***mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà stabbiliti fl-Anness II***. | Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 8, meta huwa jqiegħed il-PPE fis-suq f'ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu, jew jimmodifika l-PPE li diġà jkun tqiegħed fis-suq b'tali mod li tkun affettwata l-konformità ***ma' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li jkun intwera l-ħarsien tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà stabbiliti fl-Anness II. | 1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li jkun intwera l-ħarsien tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà stabbiliti fl-Anness II. ***L-istruttura tal-mudell tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tkun faċilment aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi permezz ta' indirizz tal-internet.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-tikketta CE għandha titwaħħal b'mod li tidher, tinqara sew u ma jitħassarx mal-PPE. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx iġġustifikat minħabba n-natura tal-PPE, it-tikketta CE għandha titwaħħal fuq | 2. It-tikketta CE għandha titwaħħal b'mod li tidher, tinqara sew u ma jitħassarx mal-PPE. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx iġġustifikat minħabba n-natura tal-PPE, it-tikketta CE għandha titwaħħal |

| | |
|---|---|
| l-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjawh. | ***b'mod li jidher, jinqara sew u ma jistħassarx*** fuq l-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjawh. |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. It-tikketta CE għandha titwaħħal qabel ma l-PPE jitqiegħed fis-suq. Tista' tiġi ***segwita*** minn pittogramma jew tikketta oħra li tindika r-riskju kontra liema l-PPE huwa maħsub li jipproteġi. | 3. It-tikketta CE għandha titwaħħal qabel ma l-PPE jitqiegħed fis-suq. Tista' tiġi ***akkumpanjata*** minn pittogramma jew tikketta oħra li tindika r-riskju kontra liema l-PPE huwa maħsub li jipproteġi. |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali u għandu jkollu personalità ġuridika. | 2. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali ***ta' kull Stat Membru*** u għandu jkollu personalità ġuridika. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp ta' parti terza indipendenti mill-organizzazzjoni jew mill-PPE li jivvaluta. | Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp ta' parti terza indipendenti mill-organizzazzjoni jew mill-PPE li jivvaluta ***u għandu jiffirma dikjarazzjoni li tiċċertifika l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu. Hu għandu jqis debitament ir-rekwiżiti ta' saħħa u sigurtà stabbiliti fid-Direttiva 89/391/KEE u,*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'mod partikolari, id-Direttiva 89/656/KEE.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-ġestjoni tiegħu jew il-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu direttament jew indirettament involuti fid-disinn, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni, l-użu jew il-manutenzjoni tal-PPE, jew jirrappreżentaw lill-partijiet li jwettqu dawk l-attivitajiet. Dawn ma għandhom ikunu involuti fl-ebda attività li tista' toħloq kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom huma jkunu nnotifikati. Dan japplika b'mod partikolari għas-servizzi ta' konsulenza. | Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-ġestjoni tiegħu jew il-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu direttament jew indirettament involuti fid-disinn, il-manifattura, ***il-kummerċjalizzazzjoni,*** il-kummerċjalizzazzjoni, l-użu jew il-manutenzjoni tal-PPE, jew jirrappreżentaw lill-partijiet li jwettqu dawk l-attivitajiet. Dawn ma għandhom ikunu involuti fl-ebda attività li tista' toħloq kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom huma jkunu nnotifikati. Dan japplika b'mod partikolari għas-servizzi ta' konsulenza. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 7 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) għarfien u fehim xierqa tar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà, stabbiliti fl-Anness II, tal-istandards armonizzati korrispondenti u tad-dispożizzjonjiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazjzoni tal-Unjoni; | (c) għarfien u fehim xierqa tar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà, stabbiliti fl-Anness II, tal-istandards armonizzati korrispondenti u tad-dispożizzjonjiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazjzoni tal-Unjoni ***u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti***; |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità għandu jipprovdi għal polza ta’ assigurazzjoni ta’ responsabbiltà sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx merfugħa mill-Istat skont il-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità. | 9. Il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità għandu jipprovdi għal polza ta’ assigurazzjoni ta’ responsabbiltà sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx merfugħa mill-Istat ***Membru*** skont il-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità għandhom jipparteċipaw fi, jew jiżguraw li l-persunal responsabbli tagħhom biex iwettaq il-kompiti ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun mgħarraf dwar, l-attivitajiet ta’ standardizzazzjoni rilevanti u l-attivitajiet tal-grupp ta’ koordinazzjoni tal-korp innotifikat stabbilit skont dan ir-Regolament u għandhom japplikaw ***bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet amministrattivi*** u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol ta’ dak il-grupp. | 11. Il-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità għandhom jipparteċipaw fi, jew jiżguraw li l-persunal responsabbli tagħhom biex iwettaq il-kompiti ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun mgħarraf dwar, l-attivitajiet ta’ standardizzazzjoni rilevanti u l-attivitajiet tal-grupp ta’ koordinazzjoni tal-korp innotifikat stabbilit skont dan ir-Regolament u għandhom japplikaw ***id-deċiżjonijiet*** u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol ta’ dak il-grupp. |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta korp innotifikat jagħti b'sottokuntratt kompiti speċifiċi li jkollhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni tal-konformità jew iqabbad sussidjarju, huwa għandu jiżgura li ***s-sottokuntrattur*** jew ***is-sussidjarju jissodisfa r-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Artikolu 23 u għandu jinforma lill-awtorità notifikanti dwar dan. | 1. Meta korp innotifikat jagħti b'sottokuntratt kompiti speċifiċi li jkollhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni tal-konformità jew iqabbad sussidjarju, huwa għandu jiżgura li ***s-sottokuntratturi*** jew ***is-sussidjarji tul il-katina kollha ta' konformità jissodisfaw ir-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Artikolu 23 u għandu jinforma lill-awtorità notifikanti dwar dan. |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 39 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Penali | ***Sorveljanza, kontroll u*** penali |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 39 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [3 xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u għandhom jinnotifikawha | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar ***gwida, sorveljanza, kontroll u*** penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. ***Biex jiġi evitat l-użu mhux eżatt tal-PPE u difetti mhux intenzjonati, l-Istati Membri għandhom l-ewwel nett jipprovdu gwida dwar kif għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jekk, madankollu, wara li tkun ingħatat il-*** |

| | |
|---|---|
| mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom. | ***gwida neċessarja, ir-rekwiżiti jibqgħu ma jiġux issodisfati, il-pass li jmiss għandu jkun l-applikazzjoni ta' penali.*** Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [3 xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Anness I - kategorija III - paragrafu 1 - parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| PPE maħsub biex jipproteġi lill-utenti kontra riskji serji ħafna. Il-Kategorija III tinkludi esklussivament l-PPE maħsub biex jipproteġi lill-utenti kontra r-riskji li ġejjin: | PPE maħsub biex jipproteġi lill-utenti kontra riskji serji ħafna***, bħalma huma l-mewt jew korrimenti irriversibbli u dannu għas-saħħa***. Il-Kategorija III tinkludi esklussivament l-PPE maħsub biex jipproteġi lill-utenti kontra r-riskji li ġejjin: |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – kategorija 3 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ambjenti b'temperatura baxxa li l-effetti tagħhom ***jitqabblu sew ma'*** dawk ta' temperatura tal-arja ta' -50 C jew anqas; | (e) ambjenti b'temperatura baxxa li l-effetti tagħhom ***ikunu ekwivalenti għal*** dawk ta' temperatura tal-arja ta' -50 C jew anqas ***b'kunsiderazzjoni tal-effett ta' tiksiħ tar-riħ***; |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***RIMARKI PRELIMINARI*** |
| | ***1. Ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà stabbiliti f'dan ir-Regolament huma obbligatorji.*** |
| | ***2. L-obbligi skont ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà japplikaw biss meta r-riskju korrispondenti jkun jeżisti għall-PPE inkwistjoni.*** |
| | ***3. Ir-rekwiżiti essenzjali għandhom ikunu interpretati u applikati b'tali mod li jittieħed kont tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-prassi attwali fil-mument tad-disinn u l-manifattura kif ukoll ta' kunsiderazzjonijiet tekniċi u ekonomiċi li jkunu konsistenti ma' grad għoli ta' protezzjoni ta' saħħa u sigurtà.*** |
| | ***4. Il-manifattur għandu l-obbligu li jwettaq valutazzjoni tar-riskju sabiex jiġu identifikati r-riskji kollha li japplikaw għall-PPE. Il-manifattur imbagħad għandu jiddisinjah u jimmanifatturah filwaqt li jqis din il-valutazzjoni.*** |
| | ***5. Meta jiddisinja u jimmanifattura l-PPE, u meta jabbozza l-istruzzjonijiet, il-manifattur għandu jipprevedi mhux biss l-użu maħsub tal-PPE, iżda wkoll l-użi raġonevolment prevedibbli. Fejn applikabbli, is-saħħa u s-sikurezza ta' persuni oħra minbarra l-utent għandhom jiġu żgurati.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 1 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Il-PPE għandu jipprovdi protezzjoni xierqa kontra r-riskji ***li għalihom huwa maħsub***. | Il-PPE għandu jipprovdi protezzjoni xierqa ***u sħiħa*** kontra r-riskji ***sabiex jiżgura u jippreżerva s-saħħa u s-sigurtà tal-utenti u l-partijiet terzi***. |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1. – punt 1.2.1.1.**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Il-materjali li minnhom huwa magħmul il-PPE, inkluż kwalunkwe wieħed mill-prodotti ta' dekompożizzjoni possibbli tiegħu, ma għandhomx jaffettwaw ħażin is-saħħa u s-sigurtà tal-utenti. | Il-materjali li minnhom huwa magħmul il-PPE, inkluż kwalunkwe wieħed mill-prodotti ta' dekompożizzjoni possibbli tiegħu, ma għandhomx jaffettwaw ħażin is-saħħa u s-sigurtà tal-utenti ***jew iwasslu biex il-PPE ma jibqax konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà stabbiliti f'dan ir-Regolament***. |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 1 – punt 1.2 –punt 1.2.1. – punt 1.2.1.2. - intestatura**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1.2.1.2. Kundizzjoni ***sodisfaċenti*** tal-wiċċ tal-partijiet kollha tal-PPE li jkollhom kuntatt mal-utent | 1.2.1.2. Kundizzjoni ***ottimali*** tal-wiċċ tal-partijiet kollha tal-PPE li jkollhom kuntatt mal-utent |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 1 – punt 1.4 - intestatura**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1.4. Struzzjonijiet mill-manifattur | 1.4. Struzzjonijiet ***u informazzjoni*** mill-manifattur |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 1 – punt 1.4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-istruzzjonijiet għall-ħżin, l-użu, it-tindif, il-manutenzjoni, is-servisjar u d-diżinfettar. Prodotti tat-tindif, tal-manutenzjoni jew diżinfettanti ***rakkomandati*** mill-manifatturi ma jistgħux jikkaġunaw ħsara lill-PPE jew lill-utent meta jiġu applikati skont l-istruzzjonijiet rilevanti | (a) l-istruzzjonijiet għall-ħżin, l-użu, it-tindif, il-manutenzjoni, is-servisjar u d-diżinfettar. Prodotti tat-tindif, tal-manutenzjoni jew diżinfettanti ***indikati*** mill-manifatturi ma jistgħux jikkaġunaw ħsara lill-PPE jew lill-utent meta jiġu applikati skont l-istruzzjonijiet rilevanti***;*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 1 – punt 1.4 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) iż-żmien jew il-perjodu meta jiskadi l-PPE jew ***xi wħud mill-komponenti*** tiegħu; | (e) iż-żmien jew il-perjodu meta jiskadi l-PPE jew ***il-komponenti*** tiegħu; |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 1 – punt 1.4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawn l-istruzzjonijiet, li għandhom ikunu preċiżi u jinftehmu, għandhom jingħataw ***tal-anqas*** bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru destinatarju. | Dawn l-istruzzjonijiet, li għandhom ikunu preċiżi u jinftehmu, għandhom jingħataw bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru destinatarju ***sabiex jippermettu lill-utent finali juża l-PPE b'mod sikur u korrett***. |

| | |
|---|---|
| | ***Kwalunkwe istruzzjoni rilevanti addizzjonali għall-għażla, l-użu, il-kura u ż-żamma tal-PPE għandha tkun disponibbli b'tali mod li tkun faċilment aċċessibbli għal kwalunkwe persuna kkonċernata.*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Jekk ikun meħtieġ,*** dawn għandhom ikunu ttrattati jew ipprovduti b'mezzi sabiex jiġi evitat iċ-ċpar. | Dawn għandhom ikunu ttrattati jew ipprovduti b'mezzi sabiex jiġi evitat iċ-ċpar. |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Jekk il-manifattur ma jkunx jista' jagħti garanzija ta' kemm iservi l-PPE, l-istruzzjonijiet tiegħu għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ix-xerrej jew l-utent ikun jista' jistabbilixxi [...] xahar u sena raġonevoli meta jiskadi, filwaqt li jqis il-livell ta' kwalità tal-mudell u l-kundizzjonijiet effettivi ta' kif jintrefa', jintuża, jitnaddaf, jiġi sservisjat u ssirlu manutenzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jkun possibbli li jkun hemm deterjorament mgħaġġel fil-prestazzjoni tal-PPE li x'aktarx ikun ikkawżat minħabba l-użu perjodiku ta' proċess ta' tindif rakkomandat mill-manifattur, dan tal-aħħar għandu jwaħħal marka ma' kull oġġett tal-PPE fis-suq li tindika l-ammont massimu ta' drabi li l-apparat jista' jitnaddaf qabel ma dan ikollu jiġi spezzjonat jew mormi; ***fin-nuqqas ta' dan, il-manifattur għandu jagħti din l-informazzjoni fl-istruzzjonijiet tiegħu.*** | Meta jkun possibbli li jkun hemm deterjorament mgħaġġel fil-prestazzjoni tal-PPE li x'aktarx ikun ikkawżat minħabba l-użu perjodiku ta' proċess ta' tindif rakkomandat mill-manifattur, dan tal-aħħar għandu jwaħħal marka ma' kull oġġett tal-PPE fis-suq li tindika l-ammont massimu ta' drabi li l-apparat jista' jitnaddaf qabel ma dan ikollu jiġi spezzjonat jew mormi; |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.4 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-kondizzjonijiet tal-ħżin irid ma jkollhomx effett ħażin fuq il-PPE sabiex jippreservaw l-effiċjenza sħiħa tiegħu u jipproteġu b'mod xieraq lill-utent finali.*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.8 - intestatura**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2.8. PPE għal interventi f'sitwazzjonijiet ***perikolużi ħafna*** | 2.8. PPE għal interventi f'sitwazzjonijiet ***ta' riskju għoli*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.8 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-istruzzjonijiet mogħtija mill-manifattur flimkien mal-PPE għal intervent f’sitwazzjonijiet ***perikolużi ħafna*** għandhom jinkludu, b’mod partikolari, data maħsuba għal persuni kompetenti mħarrġa li jkunu kkwalifikati biex jinterpretawhom u jiżguraw li jiġu applikati mill-utent. | L-istruzzjonijiet mogħtija mill-manifattur flimkien mal-PPE għal intervent f’sitwazzjonijiet ***ta' riskju għoli*** għandhom jinkludu, b’mod partikolari, data maħsuba għal persuni kompetenti mħarrġa li jkunu kkwalifikati biex jinterpretawhom u jiżguraw li jiġu applikati mill-utent. |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.8 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Meta l-PPE jinkorpora allarm li jkun attivat fin-nuqqas ta’ livell ta’ protezzjoni li normalment tingħata, dan għandu jkun iddisinjat u jitqiegħed b’tali mod li jkun jista’ jinħass mill-utent ***fil-kundizzjonijiet*** tal-użu prevedibbli. | Meta l-PPE jinkorpora allarm li jkun attivat fin-nuqqas ta’ livell ta’ protezzjoni li normalment tingħata, dan għandu jkun iddisinjat u jitqiegħed b’tali mod li jkun jista’ jinħass mill-utent ***f'kull kundizzjoni*** tal-użu prevedibbli. |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.9 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Meta PPE jkun jinkorpora komponenti li jistgħu jiġu aġġustati jew imneħħija mill-utent għal finijiet ta’ sostituzzjoni, dawn għandhom ikunu ddisinjati u mmanifatturati b’tali mod li jkunu jistgħu ***jitwaħħlu*** u mneħħija mingħajr għodod. | Meta PPE jkun jinkorpora komponenti li jistgħu jiġu aġġustati jew imneħħija mill-utent għal finijiet ta’ sostituzzjoni, dawn għandhom ikunu ddisinjati u mmanifatturati b’tali mod li jkunu jistgħu ***jiġu aġġustati*** u mneħħija mingħajr għodod. |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-sinjali ta' identifikazzjoni jew indikaturi direttament jew indirettament marbuta mas-saħħa u s-sigurtà mwaħħla ma' dawn it-tipi ta' PPE jekk possibbli għandhom ikunu fl-għamla ta' piktogrammi jew ideogrammi armonizzati. Dawn għandhom ikunu jidhru u jistgħu jinqraw perfettament u jibqgħu hekk matul il-perijodu kollu li l-PPE jdum jintuża. Barra minn hekk, dawn il-marki għandhom ikunu kompluti, preċiżi u li jistgħu jinftehmu biex b'hekk ma jinftiehmux ħażin; b'mod partikolari meta tali marki jinkludu kliem jew sentenzi, dawn tal-aħħar għandhom jinkitbu ***bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat*** Membru fejn ***ser jintuża t-tagħmir***. | Is-sinjali ta' identifikazzjoni jew indikaturi direttament jew indirettament marbuta mas-saħħa u s-sigurtà mwaħħla ma' dawn it-tipi ta' PPE jekk possibbli għandhom ikunu fl-għamla ta' piktogrammi jew ideogrammi armonizzati. Dawn għandhom ikunu jidhru u jistgħu jinqraw perfettament u jibqgħu hekk matul il-perijodu kollu li l-PPE jdum jintuża. Barra minn hekk, dawn il-marki għandhom ikunu kompluti, preċiżi u li jistgħu jinftehmu biex b'hekk ma jinftiehmux ħażin; b'mod partikolari meta tali marki jinkludu kliem jew sentenzi, dawn tal-aħħar għandhom jinkitbu ***b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u l-utenti finali, kif determinat mill-Istat*** Membru fejn ***it-tagħmir jitqiegħed disponibbli fis-suq***. |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-PPE (jew komponent li jista' jinbidel għall-PPE) ikun żgħir wisq biex titwaħħal il-marka meħtieġa kollha jew parti minnha, l-informazzjoni rilevanti għandha tingħata fuq l-imballaġġ u fl-istruzzjonijiet tal-manifattur. | Meta l-PPE (jew komponent li jista' jinbidel għall-PPE) ikun żgħir wisq biex titwaħħal il-marka meħtieġa kollha jew parti minnha, l-informazzjoni rilevanti għandha tingħata fuq l-imballaġġ u ***tissemma b'mod ċar u sew*** fl-istruzzjonijiet tal-manifattur. |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 2 – punt 2.14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-PPE maħsub biex jipproteġi lill-utent minn diversi riskji perikolużi għandu jkun iddisinjat u mmanifatturat b'tali mod li jissodisfa, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà bażiċi speċifiċi għal kull wieħed minn dawk ir-riskji. | Il-PPE maħsub biex jipproteġi lill-utent minn diversi riskji perikolużi għandu jkun iddisinjat u mmanifatturat b'tali mod li jissodisfa, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti essenzjali ***kollha*** ta' saħħa u sigurtà bażiċi speċifiċi għal kull wieħed minn dawk ir-riskji. |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.4 - intestatura**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3.4. Protezzjoni ***fl-ilma*** | 3.4. Protezzjoni ***f'likwidu*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.4 - punt 3.4.2. – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ilbies li jiżgura li l-utent iżomm f'wiċċ l-ilma sa livell effettiv, skont l-użu prevedibbli tiegħu, li jista' jintlibes mingħajr periklu u li jista' joffri appoġġ pożittiv ***fl-ilma***. F'kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli, dan il-PPE ma għandux jillimita l-moviment liberu tal-utent iżda għandu jgħinu sabiex, b'mod partikolari, huwa jkun jista' jgħum jew jieħu azzjoni biex jaħrab mill-periklu jew isalva lil persuni oħra. | Ilbies li jiżgura li l-utent iżomm f'wiċċ l-ilma sa livell effettiv, skont l-użu prevedibbli tiegħu, li jista' jintlibes mingħajr periklu u li jista' joffri appoġġ pożittiv ***f'likwidu***. F'kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli, dan il-PPE ma għandux jillimita l-moviment liberu tal-utent iżda għandu jgħinu sabiex, b'mod partikolari, huwa jkun jista' jgħum jew jieħu azzjoni biex jaħrab mill-periklu jew isalva lil persuni oħra. |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull oġġett ta’ PPE għandu jkollu fuqu tikketta li tindika l-livell ta’ tnaqqis tal-istorbju mogħti mill-PPE; jekk dan ma jkunx possibbli, it-tikketta għandha titwaħħal mal-pakkett. | Kull oġġett ta’ PPE għandu jkollu fuqu tikketta li tindika l-livell ta’ tnaqqis tal-istorbju mogħti mill-PPE; jekk dan ma jkunx possibbli, it-tikketta għandha titwaħħal ***b’mod ċar u sew*** mal-pakkett. |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.6 - punt 3.6.1. – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Materjali kostitwenti u komponenti oħra maħsuba għall-protezzjoni kontra sħana kbira u konvettiva għandu jkollhom koeffiċjent adattat ta’ trażmissjoni ta’ incident ta’ fluss tas-sħana u għandhom ikunu inkombustibbli ***biżżejjed*** biex jipprekludu kwalunkwe riskju ta’ nar spontanju taħt kundizzjonijiet ta’ użu prevedibbli. | Materjali kostitwenti u komponenti oħra maħsuba għall-protezzjoni kontra sħana kbira u konvettiva għandu jkollhom koeffiċjent adattat ta’ trażmissjoni ta’ incident ta’ fluss tas-sħana u għandhom ikunu inkombustibbli ***b’mod adegwat*** biex jipprekludu kwalunkwe riskju ta’ nar spontanju taħt kundizzjonijiet ta’ użu prevedibbli. |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.6 - punt 3.6.1. – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-materjali tal-PPE u komponenti oħra li jistgħu b’mod aċċidentali jiġu f’kuntatt ma’ fjamma u dawk użati fil-manifattura ta’ apparat għat-tifi tan-nar għandu jkollhom livell li ma jaqbadx li jikkorrispondi mal-klassi tar-riskju assoċjat mal-kundizzjonijiet tal-użu prevedibbli. Ma għandhomx jinħallu meta jkunu esposti għal fjammi jew jgħinu fit-tixrid tal-fjamma. | Il-materjali tal-PPE u komponenti oħra li jistgħu b’mod aċċidentali jiġu f’kuntatt ma’ fjamma u dawk użati fil-manifattura ta’ apparat ***industrijali jew*** għat-tifi tan-nar għandu jkollhom livell li ma jaqbadx ***u protezzjoni termali jew kontra s-sħana tal-ark*** li jikkorrispondi mal-klassi tar-riskju assoċjat mal-kundizzjonijiet tal-użu prevedibbli. Ma għandhomx jinħallu meta jkunu esposti għal fjammi jew jgħinu fit- |

| | |
|---|---|
| | tixrid tal-fjamma. |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.6 - punt 3.6.2. – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-istruzzjonijiet tal-manifattur li jkun hemm ma' kull PPE maħsub għall-użu ***qasir*** f'ambjenti b'temperaturi għoljin għandu b'mod partikolari jagħti d-dejta kollha rilevanti biex jiddetermina l-ammont massimu li jista' jkun espost għalih l-utent għas-sħana rrilaxxjata mill-apparat meta użat skont l-iskop maħsub tiegħu. | L-istruzzjonijiet tal-manifattur li jkun hemm ma' kull PPE maħsub għall-użu ***għal żmien limitat*** f'ambjenti b'temperaturi għoljin għandu b'mod partikolari jagħti d-dejta kollha rilevanti biex jiddetermina l-ammont massimu li jista' jkun espost għalih l-utent għas-sħana rrilaxxjata mill-apparat meta użat skont l-iskop maħsub tiegħu. |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.7 - punt 3.7.2. – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-PPE għandu ***kemm jista' jkun*** jevita l-penetrazzjoni ta' likwidu bħall-ilma tax-xita u ma għandux iwassal għal korrimenti li jiġu mill-kuntatt bejn il-qoxra protettiva kiesħa tiegħu u l-utent. | (b) Il-PPE għandu jevita l-penetrazzjoni ta' likwidu bħall-ilma tax-xita u ma għandux iwassal għal korrimenti li jiġu mill-kuntatt bejn il-qoxra protettiva kiesħa tiegħu u l-utent. |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.9. - punt 3.9.1. – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-PPE ddisinjat biex jipproteġi kontra ħsara kbira jew kronika lill-għajnejn minn sorsi ta' radjazzjoni li mhix jonizzanti għandu jkun kapaċi jassorbi jew jirrifletti ***l-biċċa l-kbira tal-enerġija*** li toħroġ f'tul ta' mewġ li jagħmlu l-ħsara mingħajr ma | Il-PPE ddisinjat biex jipproteġi kontra ħsara kbira jew kronika lill-għajnejn minn sorsi ta' radjazzjoni li mhix jonizzanti għandu jkun kapaċi jassorbi jew jirrifletti ***l-enerġija kollha*** li toħroġ f'tul ta' mewġ li jagħmlu l-ħsara mingħajr ma jaffettwa l- |

| | |
|---|---|
| jaffettwa l-ħruġ tal-parti tal-ispektrum viżibbli li ma tagħmilx ħsara, il-perċezzjoni tal-kuntrasti u l-abbiltà li wieħed jiddistingwi l-kuluri meta meħtieġ mill-kundizzjonijiet tal-użu prevedibbli. | ħruġ tal-parti tal-ispektrum viżibbli li ma tagħmilx ħsara, il-perċezzjoni tal-kuntrasti u l-abbiltà li wieħed jiddistingwi l-kuluri meta meħtieġ mill-kundizzjonijiet tal-użu prevedibbli. |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.9. – punt 3.9.1. – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal dan il-għan, ***in-nuċċalijiet protettivi għandhom ikunu ddisinjati*** u ***mmanifatturati*** b'tali mod li ***jkollhom***, għal kull tul ta' mewġa li tagħmel ħsara, fattur speċjali ta' trażmissjoni li permezz tiegħu d-densità tal-illuminazzjoni tal-enerġija radjanti li tkun tista' tilħaq l-għajnejn tal-utent mill-filtru tkun minimizzata u, taħt l-ebda ċirkostanza ma għandha taqbeż il-valur massimu permissibbli ta' esponiment. | Għal dan il-għan, ***it-tagħmir protettiv tal-għajnejn għandu jkun iddisinjat*** u ***mmanifatturat*** b'tali mod li ***jkollu***, għal kull tul ta' mewġa li tagħmel ħsara, fattur speċjali ta' trażmissjoni li permezz tiegħu d-densità tal-illuminazzjoni tal-enerġija radjanti li tkun tista' tilħaq l-għajnejn tal-utent mill-filtru tkun minimizzata u, taħt l-ebda ċirkostanza ma għandha taqbeż il-valur massimu permissibbli ta' esponiment. ***Il-PPE li jkun iddisinjat biex jipproteġi l-ġilda minn radjazzjoni li mhix jonizzanti għandu jkun kapaċi jassorbi jew jirrifletti l-biċċa l-kbira tal-enerġija li toħroġ f'tul ta' mewġ ta' ħsara.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk tiġi adottata, din il-bidla minn "nuċċali" għal "tagħmir protettiv tal-għajnejn" se ssir matul it-test kollu.*

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.9. – punt 3.9.1. – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Barra minn hekk, ***in-nuċċalijiet ma għandhomx jiddeterjoraw*** jew ***jitilfu l-karatteristiċi tagħhom*** minħabba l-effetti | Barra minn hekk, ***it-tagħmir protettiv tal-għajnejn ma għandux jiddeterjora*** jew ***jitlef il-karatteristiċi tiegħu*** minħabba l- |

| | |
|---|---|
| tar-radjazzjoni li toħroġ mill-kundizzjonijiet tal-użu prevedibbli u l-kampjuni kollha mibjugħa għandu jkollhom fuqhom in-numru tal-fattur ta' protezzjoni li jaqbel mal-kurva tad-distribuzzjoni spettrali tal-fattur tat-trażmissjoni tagħhom. | effetti tar-radjazzjoni li toħroġ mill-kundizzjonijiet tal-użu prevedibbli u l-kampjuni kollha mibjugħa għandu jkollhom fuqhom in-numru tal-fattur ta' protezzjoni li jaqbel mal-kurva tad-distribuzzjoni spettrali tal-fattur tat-trażmissjoni tagħhom. |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.9. – punt 3.9.1. – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Nuċċalijiet adattati*** għal sorsi ta' radjazzjoni tal-istess tip ***għandhom ikunu kklassifikati*** f'ordni li titla' skont il-fatturi ta' protezzjoni ***tagħhom*** filwaqt li l-istruzzjonijiet tal-manifattur għandhom jindikaw, b'mod partikolari, kif għandu jintgħażel il-PPE xieraq filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-użu rilevanti bħad-distanza mis-sors u d-distribuzzjoni spettrali tal-enerġija li toħroġ f'dik id-distanza | ***Tagħmir protettiv għall-għajnejn adattat*** għal sorsi ta' radjazzjoni tal-istess tip ***għandu jkun ikklassifikat*** f'ordni li titla' skont il-fatturi ta' protezzjoni ***tiegħu*** filwaqt li l-istruzzjonijiet tal-manifattur għandhom jindikaw, b'mod partikolari, kif għandu jintgħażel il-PPE xieraq filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-użu rilevanti bħad-distanza mis-sors u d-distribuzzjoni spettrali tal-enerġija li toħroġ f'dik id-distanza**.** |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.9. – punt 3.9.1. – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| In-numru tal-fattur ta' protezzjoni rilevanti għandu jidher fuq il-kampjuni kollha ***tan-nuċċalijiet*** filtranti mill-manifatur. | In-numru tal-fattur ta' protezzjoni għandu jidher fuq il-kampjuni kollha ***tat-tagħmir protettiv tal-għajnejn*** filtrant mill-manifatur. |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt 3.10. – punt 3.10.2. – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal dan il-għan, il-materjali kostitwenti u l-komponenti l-oħra ta' dawn it-tipi ta' PPE għandhom jintagħżlu jew ikunu ddisinjati u inkorporati sabiex jiżguraw***, kemm jista' jkun,*** il-prevenzjoni totali ta' tnixxija, li jippermetti użu għal ħin twil kuljum ***fejn meħtieġ*** jew, jekk dan ma jkunx possibbli, kapaċità limitata ta' prevenzjoni tat-tnixxija li teħtieġ restrizzjoni tal-perjodu tal-użu tal-ilbies. | Għal dan il-għan, il-materjali kostitwenti u l-komponenti l-oħra ta' dawn it-tipi ta' PPE għandhom jintagħżlu jew ikunu ddisinjati u inkorporati sabiex jiżguraw il-prevenzjoni totali ta' tnixxija, li jippermetti ***wkoll*** użu għal ħin twil kuljum jew, jekk dan ma jkunx possibbli, kapaċità limitata ta' prevenzjoni tat-tnixxija li teħtieġ restrizzjoni tal-perjodu tal-użu tal-ilbies. |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 2 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. lista tar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà li huma applikabbli għall-PPE; | 3. lista tar-rekwiżiti ***kollha*** essenzjali ta' saħħa u sigurtà li huma applikabbli għall-PPE; |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 2 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. deskrizzjoni tal-mezzi użati mill-manifattur matul il-produzzjoni tal-PPE biex tiġi żgurata l-konformità tal-PPE prodott bl-ispeċifikazzjonijiet ***tad-disinn***; | 10. deskrizzjoni tal-mezzi użati mill-manifattur matul il-produzzjoni tal-PPE biex tiġi żgurata l-konformità tal-PPE prodott bl-ispeċifikazzjonijiet ***definiti fid-dokumentazzjoni teknika***; |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Il-kontroll intern tal-produzzjoni hija l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li biha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3 u 4, u jiżgura u jiddikjara r-responsabbiltà unika tiegħu li l-PPE kkonċernat jissodisfa r-rekwiżiti ***essenzjali*** applikabbli ta' ***saħħa u sigurtà msemmija fl-Artikolu 5 u stabbiliti fl-Anness II***. | 1. Il-kontroll intern tal-produzzjoni hija l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li biha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3 u 4, u jiżgura u jiddikjara r-responsabbiltà unika tiegħu li l-PPE kkonċernat jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' ***dan ir-Regolament***. |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 4 – punt 4.1.**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4.1. Il-manifattur għandu jwaħħal it-tikketta CE ma' kull PPE individwali li jissodisfa r-rekwiżiti ***essenzjali*** applikabbli ta' ***saħħa u sigurtà***. | 4.1. Il-manifattur għandu jwaħħal it-tikketta CE ma' kull PPE individwali li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' ***dan ir-Regolament***. |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 3 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) għal PPE mfassal apposta, deskrizzjoni tal-varjazzjonijiet possibbli u l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-operatur ekonomiku matul il-proċess ta' produzzjoni biex jiġi żgurat li kull oġġett tal-PPE jikkonforma mat-tip ta' PPE approvat u mar-rekwiżti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà.*** |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 7 – punt 7.3.**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7.3. Il-manifattur għandu jiżgura li l-PPE jkompli jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà ***fid-dawl tat-teknoloġija l-aktar avvanzata***. | 7.3. Il-manifattur għandu jiżgura li l-PPE jkompli jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà. |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 7 – punt 7.4. – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) f'każ ta' bidla ***fis-sitwazzjoni*** msemmija fil-punt 7.3; | (b) f'każ ta' bidla ***tar-rekwiżiti legali*** msemmija fil-punt 7.3; |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-manifattur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, l-annessi u ż-żidiet tiegħu flimkien mad-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-PPE jkun ***tqiegħed*** fis-suq. | 9. Il-manifattur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, l-annessi u ż-żidiet tiegħu flimkien mad-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-PPE jkun ***sar disponibbli*** fis-suq. |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Anness VI – punt 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal PPE mfassal apposta, il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex permezz tal-proċess ta' ***manifattura*** u l-monitoraġġ tiegħu tiġi żgurata l-konformità tal-PPE mfassal apposta ***mmanifatturat*** mal-mudell bażiku deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà. | Għal PPE mfassal apposta, il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex permezz tal-proċess ta' ***produzzjoni*** u l-monitoraġġ tiegħu tiġi żgurata l-konformità tal-PPE mfassal apposta mal-mudell bażiku deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sigurtà. |
| | ***Għall-PPE adattat individwalment, il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex il-proċess ta' adattament u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw konformità tal-PPE adattat individwalment mal-mudell bażiku deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà applikabbli.*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Anness VI – paragrafu 1 – punt 3 – punt 3.1.**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3.1. Il-manifattur għandu jwaħħal it-tikketta CE ma' kull PPE individwali li jkun f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u li jissodisfa r-rekwiżiti ***essenzjali*** applikabbli ta' ***saħħa u sigurtà***. | 3.1. Il-manifattur għandu jwaħħal it-tikketta CE ma' kull PPE individwali li jkun f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' ***dan ir-Regolament***. |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-konformità mat-tip abbażi tal-verifika tal-prodott hija l-parti mill-proċedura ta' | 1. Il-konformità mat-tip abbażi tal-verifika tal-prodott hija l-parti mill-proċedura ta' |

| | |
|---|---|
| valutazzjoni tal-konformità li biha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3, 5.2 u 6, u jiżgura u jiddikjara r-responsabbiltà unika li l-PPE, li kien soġġett għad-dispożizzjoni tal-punt 4, ikun f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u jissodisfa r-rekwiżiti ***essenzjali*** applikabbli ta' ***saħħa u sigurtà msemmija fl-Artikolu 5 u stabbiliti fl-Anness II***. | valutazzjoni tal-konformità li biha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3, 5.2 u 6, u jiżgura u jiddikjara r-responsabbiltà unika li l-PPE, li kien soġġett għad-dispożizzjoni tal-punt 4, ikun f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' ***dan ir-Regolament***. |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Anness VIII – punt 6 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-manifattur għandu, għal perjodu li jintemm 10 snin wara li l-PPE ***jitqiegħed*** fis-suq, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali: | 6. Il-manifattur għandu, għal perjodu li jintemm 10 snin wara li l-PPE ***jkun sar disponibbli*** fis-suq, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali: |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Anness IX – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***PPE*** (prodott, lott, tip jew in-numru tas-serje): | 1. ***Identifikazzjoni tal-PPE*** (prodott, lott, tip jew in-numru tas-serje***. Fejn ikun utli għall-identifikazzjoni tal-PPE, tista' tiġi inkluża immaġini li tkun ċara biżżejjed***): |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Tagħmir personali protettiv |
| **Referenzi** | COM(2014)0186 – C7-0110/2014 – 2014/0108(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>2.4.2014 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>2.4.2014 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Laura Agea<br>30.9.2014 |
| **Eżami fil-kumitat** | 26.2.2015 24.3.2015 |
| **Data tal-adozzjoni** | 1.4.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 49<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Guillaume Balas, Brando Benifei, Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Arne Gericke, Marian Harkin, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Zdzisław Krasnodębski, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská, Inês Cristina Zuber |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Maria Arena, Georges Bach, Elmar Brok, Sergio Gutiérrez Prieto, Joachim Schuster, Neoklis Sylikiotis, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivo Vajgl |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Eleonora Evi |